**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 13 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 853/2020 GM**

**Fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2742/2020 tal-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fl-ismijiet:**

**L-Awtorita` ta' Malta Dwar il-Loghob**

**vs**

**Doxx Casino Ltd (C-40196)**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' ittra uffiċjali tal-1 ta' Settembru 2020 (numru 2742/2020), mibgħuta għall-finijiet tal-Art. 466 tal-Kap 12, l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob ("l-Awtorita`") interpellat lil Doxx Casino Ltd. ("Doxx") għall-ħlas ta' €16,850 għal liċenzja tagħha mal-Awtorita`. Doxx fetħet il-preżenti proċedura biex, għall-fini tal-istess Art. 466, titlob li lill-Qorti tiddikjara li l-ammont mhux dovut jew, jekk dovut, mhux korrett.

Il-liċenzja hija dik tas-sena 2018.

Liġi ġdida, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2018, għolliet ir-rata tal-liċenzji b'effett retroattiv għall-1 ta' Jannar 2018. Bejn l-1 ta' Jannar 2018 u t-30 ta' Ġunju 2018, detenturi eżistenti ta' liċenzji kellhom iħallsu, proviżorjament, il-liċenzji skont ir-rati preċedenti mbagħad isir l-aġġustament meħtieġ sa mhux iktar tard mill-20 t'Ottubru 2018. Taħt is-sistema l-qadima, il-liċenzji kienu jitħallsu b'rata kull xahar; taħt il-ġdida, b'rata ta' €25,000 fis-sena.

Fis-sena 2018, Doxx waqfet topera. Permezz ta' ftehim tad-9 t'April 2018, biegħet il-liċenzja tagħha lil Global Gaming Entertainment Group Ltd. ("GGEG"). It-trasferiment tal-liċenzja ġie approvat mill-Awtorita` fil-31 ta' Lulju 2018.

Doxx u GGEG ftiehmu bejniethom li jkunu responsabbli għall-ħlas tal-liċenzja proporzjonalment. L-Awtorita` qablet ma' dan, tant li bagħtet ir-rati tal-apporzjonament, iżda mbagħad insistiet li DOXX tħallas sehemha lil GGEG u GGEG tħallas l-ammont kollu lill-Awtorita`.

Permezz ta' e-mail tal-**11 t'Ottubru 2019**[1], Claude Falzon kiteb lil Keith Massa li:

> *"...finance have confirmed the amounts, however at the same time they stated that they should receive the amounts due as one payment rather than from two separate parties. Are you available for a call as the solution that*

[1] Fol 84.

*I have in mind is **that Global Gaming submit the full amounts due and you pass your part to them**."*

Permezz ta' e-mail oħra tal-**15 t'Ottubru 2019**,[2] l-imsemmi Claude Falzon bagħat il-kalkolu tal-apporzjonament li kellu jsir iżda żied jikteb hekk:

> *"Kindly find the calculation of what is due from the side of DOXX, **to be paid by Global**[3] (as the currently licenced entity with the MGA)…"*

Permezz ta' e-mail tas-**7 ta' Diċembru 2018**[4] mibgħuta minn Claude Falzon, Senior Executive of Compliance tal-Awtorita`, lil Mr. Osterkamp għall-GGEG, l-Awtorita` qablet ma' dan l-arranġament:

> *"Since the date of approval from the Authority was 31st July 2018, essentially it would mean that **as of 1st of August 2018, the license contribution is to be covered by Global Gaming Entertainment Group Limited**.*

> *"With the confirmation of the above I will instruct the Finance Department to work out separately the licence contribution with Global Gaming Entertainment Group Limited as of on the 1st of August".*

Jirriżulta li dak dovut għal-liċenzja minn Doxx ġie trasferit lil GGEG. Dan ifisser li Doxx wettqet l-istruzzjonijiet kollha tal-Awtorita` fir-rigward tal-pagament minnha dovut. Ġaladarba Doxx onorat il-parti tagħha tal-ftehim mal-Awtorita`, l-Awtorita` issa ma tistax iktar titlob l-ammont dovut mingħand Doxx għax il-

[2] Fol 83.
[3] Enfasi tal-Qorti.
[4] Fol 80.

ftehim kien li l-ammont jitħallas kollu kemm hu minn GGEG wara li Doxx tħallas sehemha lil GGEG.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' r-rikors ta' Doxx billi tiddikjara t-talba tal-Awtorita` dedotta fl-ittra uffiċjali msemmija bħala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Spejjeż a kariku tal-Awtorita`.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA